# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019**

**Numru 1**

**Rikors numru 232/13 AL**

**Marlene Muscat**

**v.**

**Mario Barnett**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut minn zewg sentenzi, wahda li ddecidiet l-eccezzjoni preliminari, u l-ohra li ddeccidiet il-meritu, moghtija rispettivament fis-17 ta' Marzu 2016 u fl-1 ta' Frar 2018, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sezzjoni Familja]; permezz tal-ewwel sentenza dik il-Qorti ddecidiet li l-attrici ghandha interess guridiku sabiex tippromwovi l-kawza [is-sentenza appellata 17 ta' Marzu 2016] filwaqt li

permezz tat-tieni [is-sentenza appellata 1 ta' Frar 2018] ddecidiet il-meritu billi laqghet l-ewwel talba attrici u ddikjarat li l-konvenut *"kien obbligat skond il-ligi ihallas manteniment adegwat ghal bintu Simona wara li din ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena, stante li hija kompliet tippartecipa fit-taghlim b'mod fiss"* u laqghet it-tieni talba billi kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attrici somma ta' flus *"rapprezentanti arretrati ta' manteniment ghal binthom Simona ghall-perijodu mill-1 ta' Dicembru 2011 sal-31 ta' Jannar 2013, bl-imghax legali …..";* bl-ispejjez ikunu sopportati mill-konvenut.

**Fatti**

2. Permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali maghmul fit-12 ta' Dicembru 2001 il-partijiet ftehmu inter alia fuq il-manteniment li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici ghal binthom Simona, allura minorenni. Il-klawsoli relevanti ghal dan l-appell jaqraw testwalament hekk:

> "6.7.1 The husband binds himself to pay the wife the sum of thirty Maltese liri [Lm30] per week as maintenance for the needs of their daughter. The maintenance shall be paid every two weeks by standing orders of sixty Maltese liri each [Lm60] for two weeks in advance into a bank account designated by the wife.
>
> ………………………………………………………….. omissis ……………………………………………………………[1]
>
> "6.7.3 The above mentioned maintenance is to be paid till the day their daughter is either (a) eighteen years of age or (b) working full-time in a steady job, depending on which of these two occurs first."

[1] Fol.11

3. Illi meta bint il-partijiet ghalqet it-18-il sena fl-1 ta' Dicembru 2011 u, kienet baqghet tghix mal-attrici, hija kienet bdiet tircievi rata ta' manteniment minghand missierha peress li kienet baqghet tistudja full-time sal-2013, u dan ad insaputa tal-omm. Il-pretensjoni attrici hija li l-konvenut ghandu jhallas lilha somma rapprezentanti manteniment dovut lilha ghat-tifla, mill-imsemmija data sal-21 ta' Jannar 2013 meta allura t-tifla ma baqghetx tghix aktar mal-attrici.

**L-Appell**

4. Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut qed jappella miz-zewg sentenzi u jibbaza l-appell tieghu fuq l-ilment li l-pretensjoni attrici hija rizultat ta' interpretazzjoni zbaljata da parti taghha tal-Artikolu 3B[2][a] tal-Kodici Civili li fil-fehma tieghu ghandu japplika ghall-kaz odjern. Isostni wkoll li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz.

5. Fid-dawl tal-aggravji tieghu hu qed jitlob li din il-Qorti thassar iz-zewg sentenzi appellati li permezz taghhom l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tieghu u laqghet it-talbiet kollha tal-attrici, u dan billi tichad it-talbiet tal-attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tieghu; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

6. L-attrici prezentat risposta li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm esposti qed titlob li din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant u tikkonferma t-tieni sentenza moghtija mill-ewwel Qorti nhar il-1 ta' Frar 2018; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut.

Is-Sentenza Appellata [17 ta' Marzu 2016]

7. Din titratta l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni attiva da parti tal-attrici biex tistitwixxi l-proceduri odjerni. L-eccezzjoni taqra hekk:

> "Illi preliminarjament ir-rikorrenti m'ghandhiex l-interess guridiku neccessarju sabiex tressaq il-kawza odjerna stante li l-ammont reklamat huwa se mai dovut lil bint il-partijiet, li fiz-zmien in kwistjoni kienet maggjorenni."

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Illi il-Qorti ghandha quddiemha principalment kawza ghall-manteniment tat-tifla tal-partijiet Simona li wara li lahqet l-eta ta' tmintax-il sena, baqghet tistudja fuq bazi *full-time.* It-talba qed issir minn omm it-tifla, bint il-partijiet u mhux mit-tifla. Din hija sentenza rigwardanti l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, li qieghed jghid li l-attrici m'ghandhiex interess guridiku biex tressaq din il-kawza stante li l-ammont reklamant mill-attrici huwa dovut lil bint il-partijiet stante li fiz-zmien in kwistjoni kienet diga' maggorenni.
>
> "In sintezi, l-attrici qieghda tghid[2] li l-partijiet kellhom tifla wahda. Il-partijiet isseparaw u l-konvenut kien ihallas manteniment regolari ghat-tifla taghhom, izda meta ghalqet it-tmintax-il sena, ghalkemm kienet ghadha ghaddeja bl-istudji taghha, huwa waqaf li jissomministra dan il-manteniment. L-attrici tghid li it-tifla maggorenni baqghet tistudja u tghix maghha, sakemm telqet minn maghha u marret tghix ghal rasha.

[2] Ara affidavit ezebit a fol 78 tal-process

“Il-konvenut ghadu ma xehedx f’dawn il-proceduri.

“Illi xehed rapprezentant ta’ l-iskola Giovanni Curmi[3] tan-Naxxar u jirrizulta li bint il-partijiet kienet qed tistudja *full-time* f’din l-iskola ghas-sena 2011/2012, izda hu ikkonferma li bint il-partijiet ma kenitx ghadha studenta taghhom.

“**<u>Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

“Illi l-Qorti ghandha quddiemha l-verzjoni tal-attrici biss, f’dan ir-rigward, u cioe’ li t-tifla tal-partijiet Simona, ghalqet it-tmintax-il sena u kienet qieghda tistudja fuq bazi *full-time* u li f’dak iz-zmien kienet tghix ma’ ommha, jew ghamlet zmien tghix ma’ ommha. Ghalhekk bhala stat ta’ fatt ma hux kontraddett li kienet l-attrici li kellha lil bint il-partijiet tghix maghha ghal zmien definit, wara li t-tifla lahqet l-eta maggorenni u kienet ghadha qieghda tistudja f’istituzzjoni post-sekondarja.

“Madanakollu, din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza *WE vs BN datata 21 ta’ Mejju 2012, referenza numu 385/2011, deciza mill-Imhallef N. Cuschieri*, qalet hekk,

> *““…li, rigward il-punt tal-pacta sunt servanda, il-Qorti tosserva li f’ dan il-kaz ma jikkonfigurax, stante li, kif fuq premess, it-tifla llum hija maggjorenni, u ghalhekk dak li setghu ddecidew il-genituri fil-konfront taghha huwa llum, fl-assenza tal-prova tal-mandat tacitu, res inter alios acta ghaliha, fi kliem iehor, illum it-tifla maggjorenni taht it-tlieta u ghoxrin sena ghandha d-dritt ex lege li titlob manteniment minghand il-genituri taghha fuq il-bazi ta’ l-artikolu 3B[2][a] taht il-kondizzjonijiet hemm indikati. Dan huwa dritt investit fit-tifla maggjorenni, u jista’ jigi rinunzjat biss mill-istess.””*

“Illi is-sentenza hawn fuq citata kienet sentenza ta’ divorzju u fil-kawza l-intimata kienet qieghda toggezzjona ghat-talba tar-rikorrenti biex jinghata d-divorzju stante li huwa ma kienx qieghed jissomministra manteniment ghall-wild li kienet saret maggorenni u kienet ghadha qed tistudja, u dan peress li ma kienx hemm ftehim f’dan ir-rigward, fil-kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet.

“Hawnhekk il-Qorti ma tghidx li parti ma tistax taghmel kawza kontra l-parti l-ohra ghall-manteniment tal-wild maggorenni li jkun ghadu qed jistudja, izda tghid li ghall-finijiet ta’ divorzju, ladarba ma kienx hemm ftehim fil-kuntratt ta’ separazzjoni, din il-kwistjoni trid tigi rizolta permezz ta’ kawza *ad hoc.*

“Il-ligi rilevanti hija l-Artikolu 3B(1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,

> *““3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

[3] Ara xhieda datata 13 ta’ Jannar 2016 a fol 95 tal-process

> *““(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
>
> > *““(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f’edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta’ tlieta u għoxrin sena;””*

“Huwa car ghalhekk li huma l-genituri li ghandhom l-obbligu li jmantnu lil ulied, u jkomplu jmantnuhom skond il-mezzi taghhom, f’kaz li l-ulied ikunu studenti li qeghdin jippartecipaw f’edukazzjoni fuq bazi “full time” u ghadhom taht l-eta ta’ tlieta u ghoxrin sena. Il-Ligi giet hekk emendata biex is-socjeta’ taghti kull opportunita’ lill-ulied, minghajr distinzjoni, biex jizviluppaw l-edukazzjoni u t-tahrig taghhom.

“Ghalhekk il-Qorti thoss li genitur li mieghu jkun qed jghix il-wild, u jkun qieghed imantnih, m’ghandux jigi prekluz milli jfittex lill-genitur l-iehor biex jinghata manteniment xieraq biex il-wild li jkun qieghed jghix mieghu jkun jista’ jkompli jzomm it-tenur ta’ hajja li kellu qabel ma ghalaq it-tmintax il-sena u kompla bl-istudji. Hekk jigi certament evitat ix-xenarju li l-ulied jidhlu f’kawzi kontra l-genituri taghhom. Ovjament, l-ulied jkunu jistghu jfittxu liz-zewg genituri kemm-il darba huma ma jkunux qed jigu mantenuti miz-zewg genituri, u ma jkunux jistghu jmantnu lilhom infushom, izda kemm-il darba l-ulied qeghdin jghixu ma’ genitur partikolari li jkun qieghed imantnihom, dak il-genitur jithallielu l-jedd li jitlob ghajnuna finanzjarja, manteniment jew alimenti ghall-ulied minghand il-genitur l-iehor li ma jkun qieghed jikkontribwixxi xejn.

“Mhux l-ewwel darba li din il-Qorti f’diversi kawzi ta’ separazzjoni personali taqta’ u tiddeciedi l-prosegwiment tal-manteniment minn parti lill-ohra ghall-ulied jekk l-ulied jsiru maggorenni u jibqghu jistudjaw fuq bazi *full-time*. Dan il-manteniment jigi debitament mhallas minn genitur lill-genitur l-iehor li jkollu jghixu mieghu l-ulied, u f’kaz li l-ulied ma jibqghux mal-genitur li mieghu kienu qed jghixu dan il-manteniment jghaddi direttament lill-ulied.

“Fil-kaz in dizamina t-tifla tal-partijiet hija maggorenni u tistudja jew kienet qieghda tistudja sakemm kienet qieghda tghix ma’ ommha. Dwar kemm kien l-involviment ta’ l-attrici rigwardanti l-manteniment tat-tifla sakemm kienet qieghda tistudja hija kwistjoni ta’ provi, li jirrigwardaw il-mertu.

“Izda certament in vista ta’ dak hawn fuq spjegat il-Qorti tara illi l-attrici ghandha interess guridiku u *locus standi* biex tressaq din il-kawza”.

**L-Aggravji**

*L-Ewwel u t-Tieni Aggravju*

9. Il-konvenut jghid li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-Artikolu 3B[1][2] tal-Kodici Civili meta fehmet li l-ligi taghti d-dritt lill-attrici sabiex tippercepixxi manteniment ghat-tifla li tkun ghalqet it-18-il sena izda tkun taht it-23 sena, tkun studentessa full time u tkun ghadha tghix ma' genitur.

10. Fl-ewwel aggravju tieghu l-konvenut jissottometti li l-artikolu precitat *"fl-ebda stadju ma jispecifika lil min"* irid jithallas il-manteniment ghal minuri fic-cirkostanzi kontemplati mill-istess dispozizzjoni tal-ligi.

11. Jissottometti wkoll li meta t-tifla saret maggiorenni, bi ftehim maghha, huwa kien beda jhallas manteniment lilha u mhux lill-attrici, u l-ewwel Qorti injorat ghal kollox u minghajr raguni valida fil-ligi l-fatt li t-tifla meta saret maggiorenni bis-sahha ta' hekk kienet saret kapaci tikkuntratta u tinnegozja hi wahedha kemm dwar jekk hux dovut manteniment lilha kif ukoll fil-kaz affermattiv il-quantum ta' dak dovut. Jissenjala li fir-rigward il-konvenut ma baqax aktar marbut mat-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, izda l-ammont tal-manteniment kellu jigi pattwit bejnu u bejn it-tifla filwaqt li fil-ligi l-obbligu tal-konvenut li jhallas manteniment lit-tifla li tkun saret maggiorenni jiskatta meta t-tifla li tkun

baqghet tistudja ma tkunx ragjonevolment possibbli ghaliha li tmantni lilha nnifisha kif xieraq tenut kont ukoll tal-mezzi taghha.

12. L-attrici min-naha taghha ssostni li, ladarba t-tifla, minkejja li kienet saret maggiorenni u kienet tistudja full time, kienet baqghet tghix maghha sakemm din telqet mid-dar fil-21 ta' Jannar 2013, f'liema perijodu l-attrici kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha ta' bintha, il-manteniment fil-perijodu relevanti kellu jithallas lilha u mhux lit-tifla, u l-konvenut ghal dan il-perijodu kellu jirrifondi lilha l-ammont li naqas li jhallas lilha, liema ammont kellu jkun dak stabbilit fil-kuntratt tas-separazzjoni, u dan minkejja li fir-risposta taghha temfasizza li l-obbligi tal-konvenut bhala missier *"m' mhumiex naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni biss imma wkoll minn dak li tiddisponi l-ligi u mid-drittijiet tal-bint…"*.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

13. Fl-ewwel lok din il-Qorti tissenjala li dak li qed titlob l-attrici permezz tal-proceduri odjerni huwa l-manteniment dovut lilha ghall-perijodu li jestendi mill-1 ta' Dicembru 2011, meta t-tifla, ghalkemm kienet saret maggiorenni kienet baqghet tghix mal-attrici, sal-21 ta' Jannar 2013 meta t-tifla telqet mid-dar matrimonjali u marret tghix ghal rasha.

14. Fit-tieni lok, u in vena legali, il-konvenut m'huwiex korrett meta fl-aggravju tieghu jghid li l-ligi ma tghidx lil min ghandu jithallas il-manteniment meta l-wild isir maggiorenni, anzi l-Artikolu 3B[2] jghid espressament li l-genituri ghandhom ikomplu jipprovdu manteniment adegwat "lill-ulied" [fit-test ingliz: "to children"] u l-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn il-kaz li t-tifla tkun baqghet tghix ma' genitur wiehed u l-kaz fejn t-tifla tkun marret tghix ghal rasha u ghalhekk f'dan il-kaz japplika l-principju *ubi lex non distinguit nec non distinguere debemus* kif ukoll *ubi lex voluit lex dixit* u l-unici kriterji li l-ligi ssemmi dwar il-manteniment dovut lill-wild fic-cirkostanzi kontemplati fil-paragrafu [a] tas-sub inciz [1] tal-Artikolu 3B huma [a] li t-tifla ma jkollhiex mezzi bizzejjed u [b] allura ma jkunx ragjonevolment possibbli li tmantni lilha nniffisha kif xieraq. Huma f'dawn ic-cirkostanzi biss li jiskatta d-dritt tal-manteniment lit-tifla maggiorenni li tkun baqghet tistudja full-time.

15. Ferm il-premess, il-Qorti tosserva li l-konvenut ghandu ragun meta jghid li d-dritt tal-manteniment dovut minnu lit-tifla taghhom m'huwiex wiehed awtomatiku izda jiskatta biss jekk jikkonkorru c-cirkostanzi fuq indikati. Konsegwentement, la l-ezistenza tal-obbligu ta' manteniment lill-wild wara l-eghluq tat-18-il sena u lanqas il-quantum tal-mateniment fejn hu dovut lilu ma huma regolati bit-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni maghmula bejn il-partijiet u li ghall-wild li sussegwentement isir maggiorenni huwa *res inter alios acta*.

16. Fit-tieni aggravju tieghu l-konvenut jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta osservat li ma rrizultax provat li matul il-perijodu relevanti l-konvenut verament hallas manteniment lit-tifla. Fir-rigward din il-Qorti taghmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

17. Fl-ewwel lok, il-kawza giet promossa mill-attrici biss u mhux mit-tifla; fit-tieni lok, ma saret ebda allegazzjoni da parti tat-tifla li l-manteniment ghal dak il-perijodu ma kienx thallas lilha mill-konvenut u fit-tielet lok hemm provi mhux kuntrastati li l-konvenut fil-fatt kien hallas il-manteniment lit-tifla, senjatament ix-xhieda tat-tifla stess li tghid li l-konvenut kien jaghtiha l-flus, ghalkemm hi ma kinitx tghid lill-attrici b'dan il-fatt.

18. Ghal kuntrarju fuq dan l-ahhar punt l-attrici stess fix-xhieda taghha kkonfermat li t-tifla kienet tircievi manteniment minghand il-konvenut u saret taf b'dan ghax kienet fethet ittra mill-bank indirizzata lit-tifla meta din kellha 19-il sena.[4] Ghalhekk ukoll, kif sottomess mill-konvenut, f'dan il-kaz ma jikkonkorrux ir-rekwiziti sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni bazata fuq *actio debitor debitoris mei* ghax ma rrizulta ebda kreditu dovut mill-konvenut lit-tifla, bint l-attrici.

---

[4] Fol.116 u 119

19. Fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet jirrizulta car li l-attrici ma kellhiex l-interess guridiku sabiex tippromwovi l-kawza odjerna u ghalhekk dawn iz-zewg aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha; ukoll, tenut kont ta' dan il-fatt, anke s-sentenza appellata tal-1 ta' Frar 2018 li titratta fuq il-meritu ghandha tigi revokata

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-konvenut u tirrevoka z-zewg sentenzi appellati, dik tas-17 ta' Marzu 2016 u dik tal-1 ta' Frar 2018, tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut u tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez tal-ewwel grad jinqasmu ugwalment bejn iz-zewg partijiet, filwaqt li dawk tal-appell ikunu kollha a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm